*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA – TKOMPLIJA T' AĠENDA NUMRU 69– 4 ta' Settembru 2023**

***Minuti tat-tielet parti tad-disgħa u sittin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret fil-4 ta' Settembru 2023 fis-6pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija sabiex tkompli tiġi diskussa Aġenda Numru 69. Il-laqgħa bdiet fis-6pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Mark Camilleri** | Sindku |
| | **Clive Azzopardi** | Viċi-Sindku |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Anthony Borg** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**69.7 Vot tal-Flus**

**Għal din il-parti tal-laqgħa kienu preżenti l-Perit Chares Buhagiar u l-Perit Andre Magro.**

**Il-laqgħa waqgħet fi stadju ta' kumitat sabiex ikunu jistgħu jitkellmu l-Periti. Wara din il-laqgħa fi stadju ta' kumitat, is-Sindku ta rendikont għall-fini ta' minuti tal-Kunsill. Huwa nforma lill-Kunsill uffiċjalment li l-Periti ħadu l-kejl tax-xogħlijiet li saru u min-naħa tagħhom huma preżentaw iċ-ċertikazzjoni. Iċ-ċertifikazzjoni kienet ikkalkulata bir-rata uffiċjali ta' Infrastructure Malta. Is-Sindku Mark Camilleri kkwota lill-Perit Magro u qal li fil-kontijiet hemm nkluż il-prezz għat-tkissir u r-rimi tal-materjal li kien hemm qabel. Is-Sindku Mark Camilleri kompla jgħid li l-perit huwa ndipendenti mill-Kuntrattur anzi huwa mqabbad mill-Kunsill u għaldaqstant la ċ-ċertikazzjoni saret m'għandux għalxhiex ma jsirx il-ħlas.**

**Il-Kunsillier David Battistino talab li dawn il-qisien ikunu speċifikati u mneżżlin fiċ-ċertifikat. Huwa kompla jgħid li jippreferi jistenna il-kejl qabel ma jittieħed il-vot.**

**Il-Kunsillier Anthony Borg qal li għandha tinstab soluzzjoni sabiex il-kuntrattur jitħallas għaliex wara kollox dan ix-xogħol sar.**

**Il-laqgħa spiċċat fis-6:45pm.**

| | |
|---|---|
| **Mark Camilleri** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |